# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

94. | 18 ta' GUNJU 1910. | IT-TIENI SENA


FTEHIM.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb gha's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.

# LIGIJIET G'ODDA.

IL ĦŬIENET — Cullħadd jaf li dari il ħŭienet ta'x-xorb chienu scond il-Ligi li chien hemm jagħilku f'il ħdax u mischin hu min chien jagħlak imkar ftit minuti ŭara ghaliex chien jimbocca minnufiħ taħrica u jeħel xi ħames xelini. Illum, b'it-tħabric u ŭara proposta ta'l Onor: Azzopardi, dina il-ligi tbiddlet u sejjra tcun hecc: Il ħin ta'l għeluk jibka sa'l ħdax ta'b'il-lejl izda cull min ijrid jibka miftuħ sa's-siegħa jista basta jħallas sensja barranija b'tant f'is-sena. B'hecc ma tcunx trid tokgħod takla ħafna cpiepel jeŭ tagħmel ħafna ricorsi u bosta drabi jibka f'ŭiċċec; illum għandec id-dritt li tibka miftuħ jecc jakbillec basta tħallas dic ix xi ħaġa barranija. Nitma issa illi il Gvernatur ma jagħfasx is-sensja billi jagħmilha biss xi ħaġa żgħira f'is-sena imħabba f'il għacs cbir li haŭn fuk il pajjis u ucoll imħabba f'il ftit cummerc li għandhom il ħŭienet.

Barra minn dana isseŭŭa ucoll il Cumitat ta'l Licenzi u sejjer ijcun fih sa Magistrat u għalhecc f'il permessi għandu jcun hemm ftit actar ta'r-regolarità.

Barra m'il ħin li semmejna ta's-siegħa ta'b'il-lejl il Gvernatur żamm ucoll id-dritt li jista jati il permess li jħalli xi ħŭienet miftuħin ŭara dac il ħin ucoll u għalhecc daŭc li jcunu jridu jibkgħu miftuħin actar ijcunu jistgħu jagħmluh billi issa ma tcunx qŭestjoni ta' preferenzi izda ta' dritt b'il ħlas.

IL LAMPIC — Ilħom għal għaxar snin sħaħ jitħabtu f'il Cunsill biex ijgħaddu ligi li biha ŭieħed ijcun jista jagħmel l-ispirtu f'Malta, iżda dejjem il Gvern sab difficoltà cbar billi ma riedx ijgħarrak id-dazji ta'd-Dŭana. Darba, żmien ilu chienu irranġaŭ xi haġa iżda il Gvern chien talab garanzija ta' elfejn lira minn min jarma fabbrica biex jecc jinkabad jagħmel il cuntrabandu billi ma jiddicjarax xi spirtu għamel ħalli jħallas id-dazju tiegħu jitlifhom jeŭ jitlef minnhom. Billi ħadd ma chien jakbillu li jmeŭŭet elfejn lira għand il Gvern u barra minn daŭn chien ijrid ijcollu il capital biex jarma l-istabiliment u jħallas in-nies cullħadd chien kata kalbu u l-industrija ta'l ispirtu f'Malta bakgħet ħaġa mejjta. Issa il Gvern iccuntenta li jneħħi dic il garanzija għal collox u b'hecc nitma li tista titŭakkaf dina l-industrija li tcun ta' gid għal pajjis. Hu veru li dina il-ligi billi laħak għalak il Cunsill għadha ma għaddietx iżda il Gvern ġa iddicjara li għandu jneħħi għal collox il garanzija ta'l elfejn lira u għalhecc malli jarġa jiftaħ il Cunsill ŭara il vacanzi ta's-sajf dina il-Ligi tgħaddi sgur.

L-ELETTURI — Dari biex ŭieħed chien ijcun jista jcollu il vot chien ijrid jistenna sa Frar meta toħroġ in-notificazzjoni ta'l Gvern u chien ijrid jitħabat ħafna u b'hecc ħafna nies intelligenti billi ma chienux ijcunu jistgħu jmorru f'daŭc il ġranet jeŭ billi chienu jaktgħu kalbhom m'it-taħbit ma chienux ijmorru u b'hecc chienu jibkgħu bla vot bi ħsara cbira ta'l veri interessi ta'l pajjis. Dana issa, b'it-tħabric ucoll ta'l Onor: Azzopardi, spiċċa collu billi cull min ijrid li jcollu il vot ma għandux ħlief jagħmel semplici ricors lill Korti ta'r-Revisjoni u meta jrid ma tul is-sena collha. B'hecc ma jcollux vot min ma jridx.

Barra minn dana sar tibdil sabiħ ħafna ucoll għall analfabeti igifieri daŭc li ma jafux jakraŭ u jictbu. Daŭna dari chienu jridu jimmarcaŭ l-isem ta'l Cunsilier li jcunu jridu jivvotaŭ għalih u b'hecc chien ijsir ħafna tfixchil u kerk u bosta drabi chien jiġri li il vot jatuh il min ma jcunux ijridu. Dana issa spiċċa għal collox billi scond il ligi il ġdida l-analfabeti jcunu jistgħu jgħidu bil'fomm lill Cummissarju għal min ijcunu jridu jivvotaŭ u b'hecc ma jsir kerk u taħŭid ta' xejn.

IL BŻIEK — Il Ligi contra il bżiek li kankal l-Onor: Mercieca għaddiet ucoll bħal ma xtakna aħna. Illum min

nistax naħlih collu f'il ġurnal billi kabel irrid nagħmel dac ix-xogħol li jatini il ħobż ta' cull jum. Mela ftit ta's-sabar u t'al mogħdrija u b'il mod nakdi il cullħadd m'il aħjar li nista.

★

Nirringrazzja b'kalbi collha lil Cav: Alf: M. Galea ta'l ctieb ta'l Mogħdija ta'-Żmien li bagħatli « Għarajjes bla ħsieb » mictub mill Cappillan ta'l Manicomju Dun Ġusepp Farrugia li jieħu tant interess biex jati lill poplu malti kari tajjeb u ta' fejda u b'sura maltija m'il aħjar. Nirringrazzja ucoll l'is-Sur Tanti-Bellotti ta'l ctieb li bagħatli ta'l imfaħħar Prof: Tolino ta' Napli fuk it-*Tossiemie* u li dana il għaref tabib iddedica l'is-Sur Tanti-Bellotti bħala turija ta' «*Amor fraterno*.» Dana jagħmillu unur cbir.



Nhar it-Tnejn li għadda, f'il ħamsa ta' ŭara nofs inhar, ŭara marda ta' ftit ġranet, f'il Cunvent ta'l Capuċċini ta' Furjana, miet il Moltu Reverendu

## PATRI PIETRU PAUL

m'il Birgu, ŭara ħajja ta' tnejn u sebgħin sena li sitta u ħamsin minnhom għaddihom patri u disgħa u erbgħin minnhom chien ilu saċerdot. Dana chien għal tliet darbiet gŭardjan u ħadem ħafna għal gid ta'l erŭieħ f'il missjonijiet u fi Sfakes fejn chien Cappillan maħtur m'il Cardinal Lavigerie. Fi żgħużitu chien predicatur m'it-tajjbin u ħadem ħafna fl-Istituti ta'l Gvern u l-actar f'Ŭied Incita u fi żmien il colera u chien dejjem jassisti ma'l imgħallkin u fost l'oħrajn hu chien li ŭakaf ma' Ġanon. Chien ijkarar ħafna nies billi chien maħbub u miġjub ŭisk għax chellu kalb t'anglu u ħleŭŭa ma' cullħadd, u chien ŭieħed minn daŭc il veri patrijiet li f'ħajja hecc tŭila katt ma issemma akkal m'il isem tiegħu.

Cullħadd beca it-telfa tiegħu u l-actar jiena li rabbieni bħala missieri u li fih tlift l-actar bniedem li katt ħabbni f'il ħajja u li miet, chif dejjem xtak, idu ġo ijdejja.

Nitlobcom b'kalbi collha li titolbu għal ruħu biex Alla jcollu ħniena minnu u jatiħ il mistriħ ta' dejjem.

*Requiem aeternam.*

# TLAKKIT.

**Fl-Inghilterra** il Parlament sejjer ijgħaddi ligi sabiħa ŭisk u li għandha tibda m'il eŭŭel ta' Jannar ta's-sena li ġejja. B'dina il-ligi ħadd ma jcun jista jdaħħal fl-Inghilterra rix ta' għasafar jeŭ ġlud ta' annimali biex ijservu għal ħŭejjeġ ta'l moda billi biex jieħdu dana ir-rix u daŭn il ħafna ġlud għoddhom kerdu l-annimali li jittieħdu minnhom collha. Għaldakstant fl-Inghilterra għa's-sena li ġejja ħadd ma jcun jista jġib f'cappellu rix ta' ngħam jeŭ jilbes martori għaliex jeŭ ma jsibx jixtri jeŭ il ftit li jcun baka jinbigħu bi prezz għali ŭisk. Nitma li dina il-ligi ma jdumux ma jdaħħluha f'pajjishom in-nazzjonijiet l-oħra ucoll.

**Fl-Inghilterra** għa's-sena li ġejja hemm ġa miġburin ma't-tlietin elf lira biex jintgħataŭ collha premji għal daŭc li jtiru fl-arja bl-areoplani.

**Fi Stoccolma**, belt capitali ta'l Isvezja, billi fl-Istitut Anatomicu ma chellhomx cadavri biex ijgħallmu fukhom l-istudenti, bdeŭ jagħmlu cuntratti li bihom jixtru f'il ħajja l-ischeletru ta' xi nies għal ŭara li jmutu. Certu Albertu Mystrom sabruħu imsaŭŭat daks Ġobb u ma satax jakla biċċa ħobż biex jitrejjak. Chif chien imgeŭŭaħ sama b'dina l-affari li sata jbiegħ għadmu għal meta jmut u għalhecc mar fl-Istitut, iffirma il cuntratt u iddobba chemxa flus ġmielha. Biha beda jinnegożja, mar il kuddiem, daħal sieħeb f-soċjetà, dina irnexxiet ħafna, ŭara ŭakgħet collha f'idejh u tant xortih għinitu li sar miljunarju. Darba chien kiegħed jitħaddet ma' avucat u bi'd-daħk semmielu il cuntratt li chien għamel ma'l Istitut; iżda l-avucat kallu li dac il cuntratt ijgħodd u li meta jmut gismu chien ijcollu jaka f'idejn l-Istitut biex jieħdu għadmu. Dana issa li sar miljunarju il biċċa raha bi cbira ŭisk u mar għand id-Direttur ta'l Istitut biex jatih flusu l-ura u jħollu m'il cuntratt. Dana ma riedx. Saret cauża u il miljunarju Nystrom tilifha bl-ispejjes collha m'hux biss iżda id-Direttur ta'l Istitut għamillu caŭża oħra talli kala żeŭġ darsiet bla il permess tiegħu u il miljunarju ŭeħel somma flus ġmielha talli id-danneġġja ħŭejjeġ ħaddieħor billi m'il ischeletru li ma chienx actar ħŭejjġu nakkas żeŭġ darsiet. Dina il caŭża hi curjusa tasseŭ.

**Il Postmaster-General** ta lil Mr: W. Long ta' Milsted, Sittingbourne, ittra li chien ilha impostata erbgħa u għoxrin sena. Dina ŭeħlet f'is-sakaf ta'l caxxa-ta'l-ittri u insabet issa għaliex kdiemet u chissruha.

**Il carti li jissarfu flus** chien semmihom l-eŭŭel darba Marcu Polo meta rahom f'iċ-Cina; iżda illum nafu li daŭna il carti chienu jeżistu f'dac il pajjis minn ŭisk żmien kabel, igifieri sa m'il 1264.

**Clemenceau**, il famus ex-ministru ta' Franza beda bħala ġurnalista u chien ŭieħed m'il aħjar; mar il ħabs u iddŭella chemm il darba, jħobb il pittura u l-iscultura u għa'x-xabla u il pistola ftit haŭn min ijħabbatha miegħu. Darba il franċiżi riedu joktluh għaliex kalu li chien lagħab lil pajjisu u ŭara għamluh Prim-Ministru. Lil poplu min jista jifhmu?!

**Fl-Inghilterra**, fl-1909, ħarġu 10,725 ctieb ġodda, fl-America, 10,901; f'il Germanja, 12,000 u fi Franza 11,000. (Mil "*Book Monthly*".)

# EDUARDU SEBGHA.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

Nhar il *birthday* tiegħu id-Duca ta' Clarence, ūara il caċċa ħassu ħażin; il għarusa May ūasslitu id-dar. Geūū malajr Dr: Laking u Dr: Broadbent u kalu li chellu influenza bi pneū-monite magħħba. Ūara ħames t-ijiem marda miet; u tistgħu taħsbu chemm għela għalih cullħadd u l-actar Edūardu u Alexandra, tant li damu ħafna ma jidhru f'il pubblicu. Ġorġ chien għadu ma tkaūūiex seūūa u is-saħħa ta'l Principessa tgħeżżet xi ftit ucoll. Għalhecc marru fi Franza t'Isfel fejn il Princep Ġorġ ħa ir-ruħ għal collox. F'dic is-sena iżżeūūeġ id-Duca ta' York b'festi sbiħ ħafna. Fl-1894 Edūardu mar bħa's-soltu ir-Riviera u hu u għaddejj minn Parigi mar żar il President Carnot li miet assassinat, ftit ūara, f'Lyons. Fl-1896 għammed bħala parrinu il Princep Edūardu ta' York u f'Ġunju iż-żiemel tiegħu *Permisson* ħa l-eūūel f'id-*Derby*. Id-Diamond Jubilee ta'r-Regina sūielu ħafna taħbit billi collox ried jilħak f'locha hu. Fl-1898 insibuh m'il ġdid f'Cannes ma' Gladstone li chien mar hemm biex ijfiek m'il marda li kabditu. Dana miet f'daru, f'Mejju, u Edūardu u id-Duca ta' York (ir-Re t'issa) żammeūlu il taldrappa. Ftit ūara x'ħin chien nieżel it-taraġ ta' Waddesdon Manor, id-dar ta'l miljunarju Rothschild, żelak u chiser il għadma ta' ircopptu. Cullħadd baża li sejjer jibka zopp għal għomru iżda b'il cura cbira li għamlulu għakdet u fieket għal collox.

★

F'l 1899 tkanklet il gūerra famusa ma'l Boeri, u għalhecc inkala ħafna taħbit għal ūiċċu. Fl-4 ta'April 1900 meta chien għaddejj f'Bruselles ūieħed nofs-miġnun sparalu ġo'l vagun ta'l vapur-ta'l-art iżda ma laktux. Dana chien jismu Sipido u bagħdu għaliex chien ijżomm ma'l Boeri, u għalhecc scappa m'il pajjis u ma deherx izjed. Laka il Lord Roberts f'Paddington li chien ġejj m'il Africa t'Isfel u ħafna suldati oħra minn daūc li chienu marru għal gūerra. F'it-18 ta'Jannar inxteħtet marida ir-Regina Vittorja u f'it-22 mietet f'Osborne, mibchija minn cullħadd billi chienet mara tajjba tasseū. L-agħda ta'l meūt t'ommu iltaka il Privy Council u Edūardu ħa l-isem ta' EDŪARDU SEBGĦA. L-agħda imbagħad saret il Proclamazzjoni f'St. James's Palace u f'ir Royal Exchange.

★

Ftit kabel mietet ir-Regina Vittorja id-Duca ta'York chellu jmur maūra sa-l Aūstralja u għad li mietet ir-Regina is-Sultan il ġdid Edūardu ried li ma jitbiddilx il programm; u għalhecc f'is-16 ta'Marzu id-Duca ta' York telak biex ijżur l-Aūstralja u il Colonji l-oħra ma'l "*Ophir*", u li fosthom gie f'Malta ucoll. Edūardu u Alexandra marru Portsmouth biex jarauh jitlak. F'it-8 ta Ġunju 1902 is-Sultan Edūardu mar gha'r-ringrazzjament li sar f'St. Paul's Cathedral imħabba f'il paci li saret ma'l Boeri. Iżda haūn marad bl-appendicite u dina chienet bħal sajjetta f'il bnazzi li laktet il cullħadd, u ġrat seūūa seūū għaxar t'ijiem kabel il festa ta'l Incoronazzjoni. Sir Frederick Treves għamillu l-operazzjoni li irnexxiet ħafna u ma damx ma fiek, u għalhecc sata jħabbar li sejjer ijcun incurunat, f'Westminster Abbey, f'it-8 ta' Aūūissu, sitt gimgħat u jumejn ūara il ġurnata li chienet intgħażlet kabel, u il festa saret b'ferħ u lussu cbir għad li ħafna mil' Ambaxxaturi chienu laħku telku għal pajjishom. Ūara dar daūra ma'l Europa m'ar-Regina Alexandra u marru sa Edinburgu u Glasgow. Lakgħu il President ta'Franza, Loubet, li gie irrenda iż-żjara li għamlulu u marru maūra sa'l Irlanda billi chienu jixtiekuhom ħafna.

★

Lakgħu ūara ftit l'ir-Re u ir-Regina ta'l Italja li marru jagħmlulhom żjara; dana chien fl-1903. Fl-1904 fetaħ il Parlament b'solennità cbira; u ūara li mar sa Cambridge ūassal ir-Regina Alexandra, f'Copenhagen sa għand missierha. Ūara li giet reġgħu kabżu kabża sa'l Irlanda. Mar ucoll ma'r-Regina f'Liverpool biex kiegħdu l-eūūel ħaġra ta'l Catidral il ġdid. Mar f'Kiel ijżur l-Imperatur ta'l Germanja u f'Marienbad laka l'Imperatur Ġużeppi ta'l Aūstrija. Marru żaruh f'Londra is-Sultan u ir-Regina ta'l Portugall u hu lakagħhom b'ferħa cbira. Il ħarifa li giet mar, b'ir-Regina, raġa jżur il Loubet u bakgħu nieżlin sa'l Algier. Meta raġa l-ura raġa iltaka ma' Loubet fi Franza u meta ūasal l-Inghilterra deher dehra f'Edinburgu u ħafna bliet oħra. Laka is-Sultan ta' Spanja li chellu jitħallat ma jdumx ma'l familja reali ingliża, u mar f'il Lakgħa ta'l Flotot Ingliża u Franciża li saret fi Spithead f'Aūūissu 1905.

★

Ma hemmx bżonn li nokogħdu innizzlu haūn cull ċaklieka u cull vjaġġ li għamel ma'l Eūropa collha biex ijħabbeb l-Inghilterra ma'n-nazzjonijiet l-oħra u biex ijsaħħaħ il ħbieberijiet li chienu ġa jeżistu, għaliex inchella ma intemmu katt dina il ħajja tiegħu. Cullħadd jaf chemm chien ijħobb il ftehim u il paci u m'hux għal xejn li lakkmuh, chif chien jixraklu u jokgħodiu, THE PEACEMAKER. Meta ħabat jitkankal it-taħūid ma'l Germanja chien hu li malajr seūūa collox u rakkad il burraxca li chienet kiegħda timla biex tagħmel għadira demm nofs l-Eūropa. F'Novembru ta'l 1907 laka l-Imperatur Gulielmu, li dejjem chien jieħu pjacir cbir cull darba li jmur ijżur l-Inghilterra u lill *Uncle Edward*. Fl-1908 fetaħ l-Esposizzjoni Ingliża-Franciża li compliet għakkdet il ħbieberija ta'ż-żeūġ nazzjonijiet actar flimchien. Il President Loubet mar sa Londra biex jaraha u chien milkugħ tajjeb ūisk mis-Sultan u m'ir-Regina. Ftit ūara mar ma'r-Regina jagħmel żjara lil Czar ta'r-Russja u iltakgħu f'Reval fuk il jott. F'aūūissu mar ijżur, fi Cronberg, l'in-neputi tiegħu, l-Imperatur ta'l Germanja, biex ijsaħħaħ aħjar il ħbieberija ta'ż-żeūġ nazzjonijiet ta' demm ūieħed. Mar ucoll f'Ischl biex jiltaka ma'l Imperatur Ġużeppi ta'l Aūstrija u f' Marienbad iltaka ucoll ma'l Ministri Franciż u Russu.

★

Is-sena l-oħra bdiha b'ix-xogħol biex ijsaħħah il paci dejjem. Fi Frar mar b'ir-Regina sa Berlin; u minn hemm mar ijfittex ftit xemx fi Biarritz, fi Franza, fuk il costa ta'l Atlanticu, ftit bogħod minn Spanja. Haūn tgħaxxak ħafna billi chien jara il Wilbur Wright jittajjar bl-areoplan tiegħu f'Pau, ftit bogħod minn Biarritz. Biex ijcompli il cura gie ma'r-Regina sa Malta u għadda minn Napli; u meta raġa mar Londra sab ruħu f'saħħtu ūisk aħjar. Laka il Princep u il Principessa Nashimoto, u il Princep u il Principessa Kuni ta'l Ġappun; il membri ta'd-Duma (Parlament) Russu; fetaħ il mużeū il ġdid "Victoria and Albert;" għamel ir-rivista ta 'l flotta ta 'l Atlanticu u ta 'l Canal f' Cowes; u ūara mar Marienbad għal cura ta 'l banji bħa's-soltu.

*(Jissocta.)*

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Iż-żŭieġ ma hix ħaġa li għandha issir b'il fors u għa-lhecc, jeŭ ijsir seŭŭa li jġib ir-risk u il ħena f'il familja jeŭ aħjar li ma jsir xejn. Tgħallmu xi sengħa, idraŭ middu għonkcom għal xi ħaġa xierka biex tcunu tistgħu takilgħu il ħajja bla il bżonn ta'ragel, ħalli jecc ma issibux żŭieġ għal kalbcom tcunu tistgħu tibkgħu xebbiet. Aħjar xebbiet milli romol jeŭ mitluka, jeŭ imcasbra b'gozz tfal ma' riġlej-com. Ixtru dejjem imbit tajjeb u pacenzja jecc ŭara jsiril-com ħall; iżda katt tixtru il ħall b'it-tama li b'il chelma it-tajjba, jeŭ b'iż-żegħil, jeŭ bl-imħabba, jeŭ b'ix-xenati u il ġlied, ijsirilcom imbit. U jecc dana li għedtilcom ma jser-vicom għal xejn dejjem jisŭielcom biex tidħlu f' iż-żŭieġ b'għajnejcom miftuħa u jecc ma tistgħux taħirbu il mija taħirbu il ħamsin. Dan ma jcunx collu rebħ? M'ħux aħjar isseŭŭu il ftit m'ix-xejn? Jecc naf li incun għamiltilcom imkar da'l ftit gid incun cuntenta. Mela, jeŭ seŭŭa, jeŭ xejn. Mantegazza ŭara li tchellem f'it-tul ħafna fuk il għakal li bih għandu jintgħamel iż-żŭieġ u li minn fuk it-tagħlim u tuid-dib tiegħu ħadt jiena ucoll dac li għedt lilcom, ijgħid li daŭna il pariri collha għandhom jagħkdu f'ŭieħed li hu dana:— « Meglio rimanere ragazza per tutta la vita che ma-ritarsi male.» Ħallu ŭara spallejcom dac li jgħidu in-nies li intom inklajtu jeŭ le, għaliex l-importanti ma hux li tin-kala, għaliex din hi ħaġa ħafifa ħafna, iżda li tinkala seŭŭa. Ħallu il cullħadd ijgħid li jrid u li jogħġbu; meta jidħol minn ŭidna ifthulu l-oħra ħalli jfittex joħroġ, għaliex meta tiżżeŭŭġu ħażin ħadd ma jcun magħcom u ħadd ma jigi jsabbarcom u jecc ijrid lankas ma jista għaliex għal dina iż-żelka ma hemmx rimedju. Mela fittxu biss il ħena u il gid tagħcom u dac li jaħsbu jeŭ li jgħidu in-nies ħalluh dejjem ŭara spallejcom, għaliex cull min ipprova li jiccun-tenta ilsien in-nies dejjem sab ruħu agħar milli chien bla ma seŭŭa xejn. Ħarsu ftit lejn ix-xebbiet ingliżi u tedeschi chemm minnhom jimpjegaŭ irŭieħhom u ma jiżżeŭŭġux ma hux għax ijcunu coroħ jeŭ għax ma jsibux min ijridhom iżda biss għax ma jcunux għadhom sabu ir-ragel ta' kalbhom, ir-ragel li scond il fehma tagħhom jista jagħmilhom ħienja.

Neħħu ucoll minn rascom il fehma karrieka li għand-com tiżżeŭŭġu l-eŭŭel ragel li tħobbu, għaliex taħsbu li dina hi il vera imħabba. "*Nulla di più falso*" jgħidilna Mantegazza, *Lo stesso sarebbe dire che il primo quadro di un pittore, deve essere l'ottimo di tutti quelli che egli farà nel corso della sua vita,*" Mela jecc l-eŭŭel imħabba tiegħec tintebaħ li tcun kiegħedtha ħażin, xejn tħabbel rasec, itlakha ma'r-rieħ għa-liex tcun sŭietlec biex tibni oħra actar b'il għakal fukha. Biss chemm tista kis mitt darba kabel takta darba ħalli meta tieħu pass tieħdu chemm tista f'is-sod. U xejn tħabbel rasec billi jgħi-du li int iddur ma cull rieħ, għaliex sa chemm għadec xebba ma hemm xejn ħażin li tagħżel dejjem l-aħjar triek, u aħjar isseŭŭi issa milli tgħarrak ŭara. Min jixtri oggett m'il eŭŭel ħanut li jsib taħt ħalku jitkarrak u jindem, mela stenna biex titħenna u ġarrab kabel tittarraf. Dum ħafna kabel ma tki-egħed kalbec u studja, flimchien m'ommoc u ma' missierec u għal żmien tŭil fejn sejjra tkiegħidha biex meta taktagħha jcolloc id-disgħin f'il mija li għalic iż-żŭieġ sejjer ijcun hena, risk u barca.

Lucija Levanzin Inglott.

(*Jissocta*).

# Għomja Famusi.

**John Whall**

ilu għal sbatax il sena sħaħ bħala direttur ta'l "*Middlesex Chronicle*" u illum għandu xi sitta u ħamsin sena u ilu għa-ma minn mindu chellu tlittax. Kabel chien organista iżda minn xi għoxrin sena l-haŭn ta ruħu għal ġurnalismu, u hu maħbub u imfaħħar ŭisk u hu imdaħħal ucoll f'il mu-nicipju ta'l belt fejn ijgħix.

**Helen Keller**

hi m'ħux biss għamja iżda ucoll truxa u muta minn tfulitha billi chienet mardet marda kalila li ŭasslitha f' dina is-sura li tbicchi. Dina ŭaslet biex ħadet sa il-laŭrja fl-Università.

**Fanny Crosby**

li semmejna ġa u li ŭara iżżeŭuġet lil Alexander Van Al-styne, chienet minn Connecticut igifieri Americana.

**Edw: De Mille Campbell**

hu id-Direttur ta'l Laboratorju Chimicu ta'l Università ta'Mi-chigan fl-America. Dana jgħaġġeb lil cullħadd billi jagħ-mel kuddiem il classi esperimenti ta'l chimica li tant jirnex-xulu li ŭieħed jaħsibha darbtejn jecc professuri oħra ta'l chi-mica jagħmluhomx tajjeb daksu għad li jaraŭ. Jaħdem ucoll f'moħħu formuli imħabbla ŭisk u tant tajjeb daks li chiecu chien kiegħed jictibhom fuk carta.

**Louis B. Carll**

hu matematicu famus u li jgħix fi Brooklyn, fl-America ucoll.

**T. P. Gore**

hu Senatur minn Oklahoma (America)-

**Newell Perry**

hu professur ta'l Matematica fl-Università ta' Columbja.

**J. B. Herreshoff**

hu disinjatur famus ta'l *yachts* (jottijiet), u il mudelli ta'l aħħar tnejn li gerreŭ għal l-*American Cup* għamilhom hu. Dana għema meta chien għad għandu ħmistax il sena, u billi chien ijħobb jagħmel minn daŭna il mudelli bakgħu dejjem stam-pati f'rasu sa'l-lum.

**Dr: Emile Javal**

chien ŭieħed m'il acbar oculisti li katt tat m'ħux biss Franza iżda id-dinja collha chif iddur. Dana ŭara li salva jeŭ ta id-daŭl lil min jaf chemm eluf ta' nies għema meta chellu tnejn u sittin sena u miet xi sentejn ilu. Fl-aħħar snin ta ħajjtu chien ijkatta iż-żmien biex ijtaffi in-nichet ta'd-disgrazzja li gratlu billi chien jokgħod ijfihem l'it-tobba l-oħra chif għandhom jagħmlu l-operazzjoni ta'l cataratta li għalħa chien famus tasseŭ; u fl-Esperanto, li chied jafu tasseŭ. Dana xtak dejjem li dina il-lingŭa tigi irriformata u l-actar li xtak chien li jitneħ-ħeŭ l-accenti minn fuk l-ittri u għal dana ħalla is-somma ta tliet t-elef lira billi id-Dr. Zamenhof chien iccuntenta. Iżda il-*Lingva Komitato* ma riedux u il flus kiegħdin jonfkuhom f'ħaġoħra contra ix-xeŭka ta'd-Dr. Javal. Dana ħalla ctieb sa-bieħ ħafna bl-Esperanto "*Inter Blinduloj*" mictub apposta biex ijfarraġ lil minn jagħma bħalu.

(*Jissoctaŭ*)

# Is-"SAHHAR FALZUN"

## Ma iddumx ma tidher fi ctieb l=euuel taksima ta' dana ir=romanz billi intghog'ob uisk u hafna xtieku jakrauh. Ma indumux ma inghidulcom mnejn tixtruh u chemm ijkum.

## BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

## BRITANNIA

**SCOLA TA'T-TIFSIL.**

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infethet Scola ġdida ta't-tifsil gha'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il PROF: VINCENZO GRECH li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rġiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.

## L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqûida) sab chif minn dina l-arja liqûida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li iokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

## INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il ħasil.**

**Mela biex tiffrancaû ix-xogħol u l-għeric**

UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaû is-sapun għaliex taħlu ftit**

UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il «BRITANNIA» ta' Sda. it=Torri**



Min hu marid bl-ANEMIJA (dakar ta'ġdemm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

## L' ELIXIR

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûh lukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiegħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

**THE SEA VIEW-HOTEL.**

Dan il Hotel ta't-Triek il Ġdida ta' San Giljan, għadha taħt it-triegija ta' ĠUŻE' CAVALLO u għalhecc cull min ijcun l-hemm u jidħol biex jieħu grog jeû calazzjon ma'l familja, billi jsib collox m'il aħjar, collox nadif, nies ilkugħija u collox b'irħis, sgur li joħroġ cuntent u jtenni.

## IN-NEVRASTENIJA

**hi marda kalila ħaûna, li ittelliflec il ħena collu ta'l ħajja u li jecc tircbec seûûa iġġorroc il manicomju. Dina il marda studjaha ħafna tajjeb il għaref**

**Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.**

**u sab rimedju għaliha li m'hux biss hu imfaħħar m'il aħjar Professur ta'l Italja iżda ucoll minn eluf ta' nies li chienu morda u fieku b'dana**

## l-ANTINEVROTICU.

**Haûn Malta dana mexa ħafna ucoll u cull min ħa minnu faħħru ûisk. Morru mela intom li tinsabu maħkura minn dina il marda għand**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

**ta' Strada RJALI ta' BELT u ixtru flixcun biex tippruvaûh.**

## FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra 'm'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**